31998D0294

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' April, 1998

rigward it-tqegħid fis-suq ta' qamħirrun modifikat ġenetikament (*Zea mays* L. line MON 810), skond id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/294/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE tat-23 ta' April, 1990 dwar ir-rilaxx bil-ħsieb fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati [1], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/35/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 ta' din,

Billi l-Artikli 10 sa 18 tad-Direttiva 90/220/KEE jistabbilixxi proċedura tal-Komunità li tippermetti li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tagħti l-kunsens tagħha għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, jew jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati;

Billi kienet sottomessa notifika dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodott bħal dan lill-awtoritajiet kompetenti ta' Franza;

Billi l-awtoritajiet kompetenti ta' Franza sussegwentament għaddew l-inkartament lill-Kummissjoni b'opinjoni favorevoli;

Billi l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra ressqu oġġezzjonijiet fil-konfront ta' dan l-inkartament;

Billi n-notifikatur sussegwentament immodifika t-tikketta proposta fl-inkartament oriġinali kif ġej:

— biex ikun indikat fuq l-ixkejjer kollha ta' żrieragħ li dawn fihom żrieragħ ta' qamħirrun modifikat ġenetikament biex jippermetti l-użu ta' velenu minn *bacillus thuringiensis*, li jagħti lill-qamħirrun reżistenza għall-insetti,

— biex ix-xerrejja kollha ta' żrieragħ bħal dawn jingħataw gwida teknika li fiha informazzjoni sħiħa dwar l-iżvilupp, il-metodu ta' azzjoni u użu taż-żrieragħ, fosthom l-użu ta' bio-teknoloġiji fl-iżvilupp tagħhom u l-ħtieġa għal prattiċi preskritti ta' tmexxija ta' reżistenza kontra l-insetti,

— biex ikunu infurmati negozjanti Ewropej tal-qmugħ bl-awtorizzazzjoni tal-linja ta' qamħirrun MON 810 u biex ifornuhom b'informazzjoni kompluta fuq il-prodott,

— biex ikunu infurmati negozjanti internazzjonali tal-qamħirrun f'dawk il-pajjiżi fejn il-linja ta' qamħirrun MON 810 jkun awtorizzat għal produzzjoni, li dan il-qamħirrun jkun ġie awtorizzat għal produzzjoni, li jkun ġie żviluppat bl-użu ta' tekniċi ta' modifikazzjoni ġenetika, u li l-kunsinji ta' qmugħ jista' jkun fihom qmugħ ġenetikament modifikati,

— biex ikunu nfurmati negozjanti internazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżiesportaturi ta' qamħirrun li kull dikjarazzjoni li tkun mehmuża mal-kunsinni internazzjonali trid tkun taqbel mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 90/220/KEE,

— li jkun rakkomandat li dikjarazzjonijiet mehmuża mal-kunsinni internazzjonali jkollhom miktub fuqhom ' jista' jkun fihom qmugħ ġenetikament modifikati';

Billi, in-notifikatur iddefinixxa strateġija ta' ġestjoni biex jitnaqqas l-iżvilupp ta' reżistenza fl-insetti u offra li jinforma lill-Kummissjoni u/jew l-Awtoritajiet Kompetenti ta' Stati Membri bir-riżultati ta' sorveljanza ta' dan l-aspett;

Billi, għalhekk, fi qbil ma' l-Artikolu 13 (3) tad-Direttiva 90/220/KEE, il-Kummissjoni hi meħtieġa li tieħu deċiżjoni fi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21 ta' din id-Direttiva;

Billi l-Kummissjoni fittxet l-opinjoni tal-Kumitati Xjentifiċi relevanti stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/579/KE [3] dwar dan l-inkartament; billi l-opinjoni twasslet fl-10 ta' Frar, 1998 mill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti li kkonkluda li ma hemm ebda raġuni li wieħed jemmen li t-tqegħid fis-suq tal-prodott ikollu effetti mhux mixtieqa fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent;

Billi l-Kummissjoni, wara li eżaminat kull waħda mill-oġġezzjonijiet imqajma fid-dawl tad-Direttiva 90/220/KEE, l-informazzjoni sottomessa fl-inkartament u l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, ikkonkluda li ma hemm ebda raġuni li wieħed jemmen li l-introduzzjoni fil-qamħirrun tal-ġene *cry*IA (b) maħsub għall-protezzjoni kontra l-insetti jkollu xi effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent;

[1] ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 15.
[2] ĠU L 169, tas-27.6.1997, p. 72.
[3] ĠU L 237, tat-28.8.1997, p. 18.

Billi l-Artikolu 11(6), u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 90/220/KEE jipprovdi garanziji addizzjonali fil-każ fejn tkun disponibbli informazzjoni ġdida rigward ir-riskji tal-prodott;

Billi l-miżuri li għalihom hemm disposizzjoni f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 21 tad-Direttiva 90/220/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bla ħsara għal leġislazzjoni oħra tal-Komunità, b'mod partikolari d-Direttivi tal-Kunsill 66/402/KEE [1] u 70/457/KEE [2] u r-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], u soġġetti għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti ta' Franza għandhom jagħtu l-kunsens għat-tqegħid fis-suq tal-prodott li ġej, notifikat minn Monsanto Europe SA (Riferenza C/F/95/12-02):

tipi puri u ibridi miksuba mil-linja ta' qamħirrun MON 810 li fih il-ġene *cry*IA (b) ta' *Bacillus thuringiensis subsp. kurstaki*, ikkontrollat mill-promotur imsaħħaħ 35S tal-*mosaic virus* tal-pastard, u l-introduzzjoni ta' ġene maħsub għall-proteina ta' kunflitt termiku 70 ta' qamħirrun.

2. 2.Il-kunsens għandu jkopri kull dixxindenza li ġejja minn taħlit tal-prodott b'kull varjetà ta' qamħirrun miksuba b'metodu tradizzjonali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 22 ta' April, 1998.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66.
[2] ĠU L 225, tat-12.10.1970, p. 1.
[3] ĠU L 43, ta' l-14.2.1997, p. 1.